*Kommodat*

*Art 550 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 26 ta' Jannar 2017**

**Kawza Numru : 22**
**Rikors Guramentat Numru : 215/2015/LSO**

**HSBC Bank Malta p.l.c. [C 3177]**

**vs**

**Alex Aloisio [Kl Nru 766551M]**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' **Dr Ralph Agius Fernandez ghan-nom ta' HSBC Bank Malta p.l.c** datat 6 ta' Marzu 2015 fejn bil-gurament tieghu jikkonferma Dr Ralph Agius Fernandez karta tal-identita` 565688(M) is-segwenti fatti li bihom jaf personalment jew mill-files tal-Bank:

1. Illi fil-31 ta' Mejju 2007 l-garaxx numru 214 [gieli wkoll imsemmi li hu innumerat bin-numru 2014] minnghajr l-arja sovvrastanti, fuq l-'Upper Level' tal-kumpless ta' garaxxijiet bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu, inkluz is-sehem indiviz tad-'driveway' komuni mal-propjetarji tal-garaxxijiet l-ohra fuq l-'Upper level' tal-kejl ta' tliet mija u erbghin metri kwadri ($340m^2$) konfinanti min-nofsinhar mal-imsemmija garaxxijiet, mill-punent in parti mal-istess garaxxijiet, u in parti mal-garaxxijiet ta' Vassallo Concrete Supplies Limited u s-servizzi kollha fuq l-'Upper Level' tal-kumpless tal-garaxxijiet, kif ukoll is-sehem pro rata tar-rampa u l-entratura komuni mal-proprjetarji tal-garaxxijiet l-ohra fil-kumpless tal-garaxxijiet li tizbokka f'Carmel Street, San Giljan, tal-kejl ta' circa tmienja u tmenin metri kwadri ($88m^2$), konfinanti mil-lvant ma' Carmel Street, mill-punent ma' garaxxijiet ta' Vassallo Concrete Supplies Limited u min-nofsinhar in parti mal-art sottostanti l-kumpless u in parti mal-istess 'driveway' komuni imsemmija, gie liberat a favur tas-socjeta' rikorrenti fil-bejgh bl-irkant mizmum taht l-awtorita' ta' din l-istess Qorti fl-istess jum imsemmi u fuq talba tal-istess socjeta' rikorrenti [*Nota ta' liberazzjoni annessa bhala "Dok A."].*

*2.* Illi t-titolu tas-socjeta' rikorrenti fuq il-proprjeta' in kwistjoni gie debitament registrat fir-Registru Pubbliku permezz ta' Nota tal-Insinwa Numru 20124/07;

3. Illi sa minn dakinhar il-proprjeta' in kwistjoni kienet u baqghet okkupata u detenuta mill-intimat abbuzivament u minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

4. Billi l-intimat gie interpellat kemm-il darba mis-socjeta' rikorrenti sabiex jizgumbra mill-proprjeta' in kwistjoni pero' dan baqa' inadempjenti;

5. Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili (Kapitolu 12, Ligijiet ta' Malta) *stante* illi l-intimat qed jokkupa l-proprjeta' in kwistjoni abbuzivament u mingliajr ebda titolu validu fil-ligi u, fil-fehma tas-socjeta' rikorrenti, l-intimat m'ghandux eccezzjonijiet xi jressaq kontra l-izgumbrament tal-imsemmi fond;

Ghaldaqstant, is-socjeta' rikorrenti umilment titlob li, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

(i) Tisma' u tiddeciedi din it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza *a tenur* tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili [Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta];

(ii) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat qieghed jokkupa l-garaxx 214 [gieli wkoll imsemmi li hu innumerat bin-numru 2014] fuq l-'Upper Level' tal-kumpless ta' garaxxijiet bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu, accessibbli mill-entratura komuni mal-proprjetarji tal-garaxxijiet l-ohra fil-

kumpless tal-garaxxijiet li tizbokka f'Carmel Street, San Giljan abbuzivament u minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

(iii) Tordna l-izgumbrament tal-intimat mill-istess proprjeta' u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat lilu minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez gudizzjarji u b' riserva ta' kwalsiasi azzjoni spettanti lis-socjeta' rikorrenti kontra l-intimat rizultanti minn tali okkupazzjoni abbuziva kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-26 ta' Marzu 2015.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Alex Aloisio (detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru: 766551 (M)); datata 15 ta' April 2015 (fol 25) fejn espona :-

It-talbiet tal-kumpannija attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda billi:

1. L-esponenti qieghed jokkupa l-fond mertu ta' dina l-kawza b'titolu ta' kommodat kuntrattat bejnu u bejn il-predecessur fit-titolu tal-kumpanija attrici;

2. Fi kwalunkwe kaz, anke jekk fil-pessima ipotezi dina l-Onorabbli Qorti ma taqbilx li l-esponenti jgawdi tali titolu, huwa ghandu, skont l-artikolu 550 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, il-jedd li jzomm f'idejh il-fond mertu ta' dina l-kawza sakemm jiehu l-ispejjez li ghamel, ghal-liema spejjez l-esponenti minn issa qieghed jaghmel talba espressa u

jirrizerva wkoll il-jedd tieghu li jiskriva ipoteka legali specjali fuq l-istess fond u fuq fondi ohra fejn huwa kien ghamel spejjez fuq inkarigu u bil-kunsens tal-predecessur fit-titolu tal-kumpanija attrici;

Rat il-verbali tas-seduti kollha inkluz dak tat-Tlieta, 8 ta' Novembru 2016 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni ta' Dr Franco Vassallo u ta' Dr William Cuschieri, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Jannar 2017 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din hija kawza ghall-izgumbrament tal-intimat li qieghed jokkupa l-garaxx numru 214, (gieli wkoll imsemmi li hu enumerat 2014), fuq l-'Upper Level' tal-kumpless ta' garaxxijiet , accessibli mill-entratura komuni mal-proprjetarji tal-garaxxijiet l-ohra fil-kumpless tal-garaxxijiet li tizbokka f'Carmel Street, San Giljan. Il-Bank attur qed jipprocedi b'dan il-kaz, in segwitu ghal aggudikazzjoni wara proceduri ghal bejgh b'subbasta fir-rigward tal-garaxx in kwistjoni.

L-intimat laqa' billi eccepixxa fl-ewwel lok, li hu qed jokkupa l-garaxx in kwistjoni b'titolu ta' kommodat. Fit-tieni lok, gie eccepit, li fi kwalunkwe kaz, skont l**-artikolu 550 tal-Kap 16**, hu ghandu l-jedd izomm f'idejh l-fond *de quo* sakemm jiehu l-ispejjez li ghamel fuq l-istess fond u fondi ohrajn.

Il-**fatti** fil-qosor huma s-segwenti. Jirrizulta li fl-1997, l-intimat ghamel konvenju biex jixtri garaxx go korp ta' garaxxijiet, izda l-kuntratt finali baqa' ma sarx fir-rigward tal-garaxx in kwistjoni. Illi l-intimat sostna fix-xhieda, li hu kellu l-permess biex jokkupa l-garaxx dak iz-zmien fl-1997 fejn qieghed oggetti bhal madum, ghal appartament tieghu vicin, liema appartament sussegwentement tlesta. Illi permezz ta' nota tal-insinwa fir-Registru Pubbliku datata 31 ta' Mejju 2007, **Dok A**, jirrizulta li l-garaxx mertu tal-vertenza odjerna gie liberat favur il-Bank rikorrent permezz ta' bejgh bl-irkant mizmum taht l-awtorita` ta' din il-Qorti. Illi minn dakinhar il-Bank rikorrent interpella lill-intimat diversi drabi biex jivvaka l-fond in kwistjoni, izda baqa' inadempjenti billi baqa' jiddetjeni l-fond.

**PROVI:**

**Alex Aloisio** xehed (fol 24-27)[1] li hu joqghod fl-appartament Numru 5 Bock 8, Cloisters Walk St. Julians, u fil-11 ta' Dicembru 1997 kien ghamel konvenju biex jixtri garaxx qrib l-appartament ukoll, izda semma li peress li ma kienx hemm qbil baqa' ma sarx kuntratt finali fir-rigward tal-garaxx. Qal ukoll li kien hemm ftehim verbali mad-Diretturi tal-kumpanija Cloisters Walk Limited biex juza garaxx iehor izghar minn dak li kien ser jakkwista permezz ta' dan il-konvenju biex iqieghed madum u oggetti ohrajn sakemm ilesti l-appartament tieghu. Esebixxa kopja tal-konvenju, u tal-estensjonijiet li saru, esebixxa dokumenti dwar tpacija li kellha ssir bejnu u s-socjeta` Cloisters Walk Limited billi hu kellu jhallas permezz ta' bibien, u fil-fatt, kien ghamillhom xi

[1] Seduta tal-5 ta' Ottubru 2015

bibien (fol 40). Esebixxa lista tal-ispejjez pretizi minnu (fol 53).

In **kontro-ezami** (fol 67-70)[2] qal li hu l-ewwel kien juza garaxx iehor li suppost kellu jakkwista permezz tal-konvenju u xi sena wara l-1997 kien beda juza l-garaxx in kwistjoni minflok ghax kienu nbarrawlu l-iehor, u bil-permess ta' Cloisters Walk Limited kien beda juza l-garaxx in kwistjoni u ma hallas xejn ghall-okkupazzjoni. Spjega li wara l-estensjonijiet tal-konvenju li kienu saru baqa' jiddetjeni l-garaxx billi baqa' jippretendi li jithallas kumpens talli kien spicca juza dan il-garaxx li kien izghar minn dak li kellu jakkwista permezz tal-konvenju. Hu qal li mhuwiex *squatter* u kkonferma li f'ghajnejn il-ligi mhuwiex proprjetarju.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' Dritt - Kommodat:</u>**

Illi l-intimat qed jivvanta titolu ta' kommodat fuq l-imsemmi garaxx.

L-**artikolu 1824 tal-Kap 16** jipprovdi:

*"Il-kommodat jew self ghall-uzu hu kuntratt li bih wahda mill-partijiet tikkunsinna haga lill-parti l-ohra, sabiex din tinqeda biha, bla hlas, ghal zmien jew ghal uzu determinat, bl-obbligu ta' dak li jirciviha li jrodd il-haga nfisha."*

Jigi determinat li rekwiziti ghal dan l-istitut huma tnejn:

- il-gratuwita` tal-prestazzjoni tal-haga, u

[2] Seduta tal-21 ta' Marzu 2016

- iz-zmien jew uzu determinat.

Hu pacifiku fil-gurisprudenza nostrana, li: *"ma jista' qatt ikun dubitat illi l-kommodat ghandu inerenti fih karattru fiducjarju. Dan ghaliex hu essenzjalment gratuwitu. Effettivament il-kawza tal-ftehim tikkwalifika l-kommodat bhala kuntratt ta' tgawdija bazat fuq il-gratuwita` tal-uzu tal-haga*." (Ara **Gaetano Sammut pro et noe vs Pauline Sammut et**, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Gunju 2005, u **Selcuk Kucukkaya vs Patricia Mousu et** P.A. 698/13 (JZM) deciza fl-14 ta' Lulju 2015).

Ukoll, fis-sentenza, **Maria Pace vs Anthony Pace et**, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' April 2004, gie affermat li l-karattru essenjali tal-kommodat huwa gratuwita` tal-prestazzjoni tal-haga. (Ara ukoll f'dan is-sens **Robert Borg vs Francesco Abela**, Appell Kummercjali, deciz fis-16 ta' Dicembru 1949).

Hekk hu insenjat minn **Ricci** f'Corso Teorico Pratico di Diritto Civile" (Vol IX para 185) ighid:-

*"Nel commodato si rende un favore per amicizia o per deferenza alla persona a cui e` reo. Non sia alcun idea o desiderio di lucru e si fatto di vera liberalita`. Tale e' l indole del commodato. Le parti possono ben patuire un corrispettivo per la cosa data ad usare ma in questo caso non possono pretendere che il contratto conserve l'indole di commodato."*

Ghar-rigward tal-element taz-zmien jew uzu determinat, gie ribadit hekk fil-kaz **Mary Anderson vs Guza Jones et**

deciza mill-Qorti tal-Appell Inf. fis-7 ta' Dicembru 2005,dwar id-distinzjoni bejn detenzjoni ta' haga b'titolu ta' kommodat u disponibilita` tal-fond bil-bwona grazzja tal-proprjetarju:-

*"A differenza tad-detenzjoni tal-haga b'titolu ta' kommodat, id-disponibbilita` tal-fond bil-bwona grazzja ossija bit-tolleranza tal-proprjetarju tal-fond hi karatterizzata mill-intenzjoni. Innegabilment, it-tolleranza jew il-prekarju sakemm jibqghu jezistu jiggustifikaw il-godiment fuq il-haga izda, una volta l-volonta` tal-koncediment li jtemm ir-rapport issir maghrufa, dan igib ic-cessazzjoni ta' dan l-istess dritt ta' tgawdija u mhux mistenni jew tollerat min, b'approfittar, jippretendi li jivvanta drittijiet proprji, li ma baqalux. L-unika obbligu tieghu jibqa' dak tar-restituzzjoni lura tal-haga lil koncedenti."*

Skont il-kaz **Mercieca utrinque** deciza mill-istess Qorti fl-1 ta' Novembru 2000, "*iz-zewg modalitajiet possibbli tal-kuntratt tal-kommodat, kemm dik relatata maz-zmien u dik relatata mal-uzu, jistghu jezistu independentement minn xulxin u wahda ma hijiex necessarjament marbuta ma' l-ohra. Il-partijiet jistghu ghalhekk jiftehmu zmien li fih il-komodat kellu jipperdura, bla ma jiftehmu x'uzu determinat kellu jsir mill-haga kunsinnata b'self u vici versa."* (Ara wkoll **Mary Balzan vs David Jaccarini**, P.A. 196/11 (JA) deciza fit-30 ta' April 2012.

Fil-kaz diga supra citat **Gaetano Sammut et vs Pauline Sammut et,** l-attur ipproceda kontra l-mara ta' ibnu ghall-izgumbrament u din eccepiet li kellha titolu ta' kommodat. Il-Qorti tal-Appell irrevokat is-sentenza u laqghet it-talba

attrici. Illi gie konkjuz mill-Qorti tal-Appell, li l-kommodat jekk ezista, kien bejn l-attur u ibnu, u ftehim li permezz tieghu genitur jippermetti lil xi hadd minn uliedu biex imur jabita go fond proprjeta` tieghu biex ighix mas-sieheb jew siehba tieghu, issir appuntu bejn il-genitur u ibnu jew bintu u mhux mas-sieheb. Il-Qorti f'din l-istess sentenza insenjat hekk:

*"…..fejn mhux possibli li jigu determinati z-zmien, lanqas permezz tal-uzu, allura hu ritenut li jissussisti kommodat bla determinazzjoni ta' terminu ta' zmien, ossija l-precarium illi ghalkemm ai fini tal-kommodat, jiddiferenzja ruhu minnu ghall-fatt li l-kommodanti hu fakoltizzat bil-ligi li jitlob u jirrikjama l-uzu tal-haga f'kull zmien."*

Dawn l-istess principji gew ribaditi fis-sentenza citata mill-avukat difensur tal-Bank rikorrent fit-trattazzjoni li tinsab esebita fl-atti, "**Lorenzo Zahra proprio et noe vs Mary Zahra**", 427/2002/1, Appell deciz fis-6 ta' Ottubru 2004. Izda, dan il-kaz gie specifikat ulterjorment li *"……l-ezistenza taz-zmien hija mportanti ghad-distinzjoni bejn il-kommodat u l-prekarju. Ghax meta hemm iz-zmien il-kuntratt huwa ta' kommodat u l-kommodant ma jistax jiehu l-oggett lura hlief fil-kaz ta' bzonn urgenti u mprevist sakemm jghaddi dak iz-zmien; mentri jekk ma jkunx hemm zmien, il-kuntratt ikun ta' prekarju u sid l-oggett jista' jiehdu lura meta jrid. (**Kollez. Vol XXXI pII p29**). Li jfisser, ghalhekk, li min jislef jista' jirricedi 'ad nutum' mill-kuntratt f'kull kaz li ma jkunx stabbilit zmien ghar-restituzzjoni tal-haga jew dan iz-zmien mhux desumibbli mill-uzu li ghalih il-haga hi destinata*."

Kaz iehor li ddistingwa l-kommodat mill-prekarju hu **Martin Farrugia vs Joseph Gambin** 1100/2009/1, deciz mill-Qorti tal-Appell, fit-18 ta' Lulju 2014, fejn gie citat l-**artikolu 1839** tal-Kodici Civili li jiddisponi:

*"il-prekarju huwa l-istess kuntratt ta' self ghall-uzu mfisser fl-artikolu 1824, izda b'din id-differenza biss, illi dak li jislef il-haga jibqa' fis-setgha li jehodha lura meta jrid."*

**Fattispecje tal-kaz in ezami:**

Illi qed jigi sottomess mill-avukat difensur tal-bank rikorrent fit-trattazzjoni, li dak li kien jezisti bejn l-intimat u l-kumpanija li kien ser jixtri l-garaxx minghandha kien proprju self *stante* li kien hemm self tal-garaxx ghal uzu specifiku, liema uzu llum spicca. Jirrizulta li meta l-intimat gie mistoqsi fil-kontro-ezami, ghaliex ghadu qed juza l-garaxx illum il-gurnata, hu wiegeb li hu baqa' jiddetjeni dan il-fond sakemm Willie Caruana, d-Direttur tal-kumpanija li minghandha kien ser jakkwista l-garaxx, ihallsu kumpens talli minn garaxx kbir spicca b'garaxx zghir hafna. Izda fl-istess hin, hu kkonferma li hu mhuwiex proprjetarju tal-ebda wiehed mill-garaxxijiet.

Min-naha l-ohra gie sottomess mill-avukat difensur tal-intimat fit-trattazzjoni, li kemm-il darba jkun hemm kommodat, dan ma jispiccax bil-proceduri tal-subbasta, *stante* li jkun inbidel is-sid. Fil-kaz in ezami, il-ftehim kien sar bejn l-intimat u Willie Caruana. Jirrizulta li Willie Caruana *qua* direttur tal-kumpanija ma baqax is-sid tal-garaxx peress li l-garaxx illum huwa proprjeta` tal-Bank attur permezz ta' bejgh b'subbasta. Jigi osservat li kien

x'kien il-ftehim li kien hemm bejn l-intimat u l-proprjetarju precedenti, mhux ippruvat sufficjentement a sodisfazzjon ta' din il-Qorti. Inoltre`, din il-Qorti hi tal-fehma li l-pretensjoni tal-intimat li jkompli jiddetjeni l-fond sakemm jithallas ta' kumpens talli hu spicca b'garaxx zghir u mhux b'garaxx akbar, hija fittizja u superficjali ghall-ahhar, meta l-intimat fil-fatt ma akkwista l-ebda wiehed mill-garaxxijiet, *stante* li l-konvenju skada u l-kuntratt finali qatt ma sar.

Minbarra hekk, applikati l-principji enuncjati aktar 'il fuq fil-gurisprudenza, dwar id-distinzjoni sottolineata bejn kommodat u prekarju, ghall-kaz in ezami, ma jirrizultax li t-terminu ta' zmien huwa dezumibbli mill-ftehim ta' self verbali fir-rigward tal-fond in kwistjoni. Kwindi, din il-Qorti taqbel li dan kien self ghal uzu specifiku, aktar u aktar meta jigi meqjus li l-intimat kien iffirma konvenju ghal garaxx li ma kienx dan il-garaxx in kwistjoni. Izda, *nonostante* l-fatt li l-garaxx li kien qed juza ma kienx l-istess ghal dak imnizzel fil-konvenju, xorta wahda kien hemm l-intenzjoni tal-intimat li jakkwista l-garaxx permezz ta' bejgh, liema bejgh baqa' ma sarx ghal ebda wiehed mill-garaxxijiet.

Jidher mill-argumenti migjuba fi-trattazzjoni finali, li dak ikkontestat mill-intimat huwa li l-garaxx *de quo* ma kienx okkupat mill-intimat limitatament biex jitqeghdu affarijiet u oggetti tal-bini sa ma jitlesta l-appartament tal-intimat. Ghalhekk l-intimat qed jikkontendi li l-uzu tal-garaxx in kwistjoni ma kienx ghal zmien temporanju. *Di piu`,* gie sottolineat fit-trattazzjoni, li *semmai,* kien imiss lill-Bank rikorrent iressaq din il-prova dwar ghal kemm zmien kien gie koncess l-imsemmi garaxx lill-intimat. F'dan il-kuntest, ta' min isemmi li, hija regola generali li l-piz tal-prova hu fuq

min jafferma fatt, *onus probandi incubit ei qui dicit non ei qui negat*. (Ara **Joseph Zammit vs Joseph Hili** Vol XXXVII- I-578). Fil-kaz odjern, huwa proprju l-intimat li qed jivvanta titolu ta' kommodat, u ghalhekk kien jinkombi fuqu li jressaq tali prova ladarba din hi eccezzjoni mressqa minnu. Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dan, l-argument imressaq mill-intimat ma jregix.

Isegwi li din il-Qorti hi tal-fehma li l-intimat ma rnexxilux jipprova li ghandu titolu ta' kommodat, u jekk kien hemm koncessjoni da parti tas-sid precedenti biex juza l-garaxx in kwistjoni, dak kien jammonta ghall-prekarju. Illi zgur ma jistax jitqies li hemm kommodat li jkun marbut ma' pretensjoni ta' min jiddetjeni l-fond li jithallas ta' kumpens jew ta' benefikati. *In vista* ta' dak provdut fil-ligi fl-artikolu **1824 tal-Kodici Civili**, u fid-dawl tal-insenjament fil-gurisprudenza nostrana, l-istitut tal-kommodat mhuwiex intiz ghal dan il-ghan.

Ghaldaqstant **l-ewwel eccezzjoni** qed tigi michuda.

**It-Tieni Eccezzjoni**

Referibbilment ghat-tieni eccezzjoni tal-intimat, gie sostnut li ghandu japplika l-**artikolu 550 tal-Kodici Civili**, billi l-intimat ikollu l-jedd izomm f'idejh l-imsemmi fond sakemm jithallas tal-ispejjez u benefikati li ghamel. Fit-trattazzjoni l-avukat difensur tar-rikorrent qed jikkontendi li m'ghandux japplika dan l-artikolu tal-ligi. Izda ghandu japplika **l-artikolu 1833 tal-Kap 16**, li jipprovdi li jekk sabiex jinqeda bil-haga l-kommodatarju jkun ghamel xi spiza hu m'ghandux jedd ghall-hlas lura ta' dik l-ispiza.

Min-naha l-ohra, l-avukat difensur tal-intimat issottometta li jekk qed jigi sostnut mill-kontro-parti li m'hemmx kommodat, l-**artikolu 1833** li japplika ghall-kommodat mhuwiex l-artikolu relevanti f'din il-materja.

Illi minn qari tar-risposta guramentata jidher li din it-tieni eccezzjoni qed tigi imressqa f'kaz li l-Qorti ma tilqax l-ewwel eccezzjoni u ghaldaqsant l-intimat mhuwiex qed jistrieh fuq il-jedd spettanti lill-kommodatarju.

Madanakollu din il-Qorti trid tabilfors tinnota li ghalkemm imressqa f'kaz li l-ewwel eccezzjoni ma tigix milqugha, din it-tieni eccezzjoni hija konfliggenti mal-ewwel eccezzjoni. Jew kien hemm l-intenzjoni li l-fond jinghata b'kommodat jew ma kienx hemm tali intenzjoni. B'hekk l-intimat qed iwaqqa' t-tezi tieghu stess.

Illi dan premess jinghad mill-aspett fattwali l-intimat esebixxa notament tieghu stess, Dok AA8 (fol 53) dwar il-benefikati u l-ispejjez pretizi minnu. Ma gew ipprezentati l-ebda *invoices* jew ricevuti dwar dawn l-ispejjez u lanqas gew prodotti xhieda tal-persuni li minghandhom xtara l-materjal jew li ghamlulu xoghlijiet. Fid-dawl tal-unika prova mressqa dwar l-ispejjez u l-benefikati, din il-Qorti hi tal-fehma li din ma tikkostitwix prova sufficjenti a sodisfazzjon tal-Qorti sabiex hu jkun jista' jigi kkumpensat ghal dak pretiz minnu ghar-ragunijiet spjegati.

**Talbiet:**

Ikkunsidrat li l-fond mertu tal-vertenza odjerna gie definittivament liberat favur il-Bank rikorrent, hekk kif jirrizulta minn Dok A (fol 6 *et seq*), fejn it-titolu tal-Bank rikorrent gie debitament registrat fir-Registru Pubbliku permezz ta’ Nota tal-Insinwa Numru 20124/2007.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti hi sodisfatta li t-talbiet tal-Bank rikorrent huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu milqugha.

**III KONKLUZJONI**

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta’ u tiddeciedi** billi tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat kif spjegat, u tilqa’ t-talbiet tar-rikorrent kif gej:

1. Tilqa' t-tieni talba attrici u tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat qieghed jokkupa l-garaxx 214 [gieli wkoll imsemmi li hu innumerat bin-numru 2014] fuq l-'Upper Level' tal-kumpless ta' garaxxijiet bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu, accessibbli mill-entratura komuni mal-proprjetarji tal-garaxxijiet l-ohra fil-kumpless tal-garaxxijiet li tizbokka f'Carmel Street, San Giljan abbuzivament u minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

2. Tilqa’ t-tielet talba attrici u tikkundanna lill-intimat sabiex fi zmien xahar mil-lum, liema perjodu qed jigi ffissat perentorjament, jizgombra u jhalli liberu u vojt il-fond imsemmi hawn fuq favur il-Bank rikorrent.

**L-ispejjez jithallsu mill-intimat**.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**26 ta' Jannar 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**26 ta' Jannar 2017**